**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 23.5.10: SOLENNITA' TAL-GĦID IL-ĦAMSIN**
**JUM L-APOSTOLAT TAL-LAJĊI**
**GĦELUQ TAL-ĠIMGĦA LITURĠIKA –E WKARISTIKA**
**U TAL-KWARANTURI MQADDSA**

Wara l-quddiesa ta' l-10.30a.m. tibda l-Adorazzjoni Solenni li tibqa' sejra sal-5.15p.m.
**Fil-5.30p.m.** Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi u dritt wara toħroġ il-purċissjoni b'Ġesu Sagramentat.
Nistieden lil kulħadd biex jieħu sehem fil-purċissjoni u anke lilll-familji minn fejn se tgħaddi l-purċissjoni biex iżejnu t-twieqi u l-galleriji.

*Il-Ġabra li ssir llum tkun għas-Sagristan.*

**IL-ĦAMIS, 27.5.10: Fid-9.00a.m.** Quddiesa għat-Tfal tal-iskola fil-knisja u wara mmorru korteo lejn l-iskola fejn issir l-inkurunazzjoni tal-Madonna fl-okkażjoni ta' Mejju.
**IL-ĠIMGĦA, 28.5.10: MANIFESTAZZJONI MARJANA**
Billi wasalna għall-aħħar tax-xahar ta' Mejju, llum se nagħmlu Manifestazzjoni Marjana biex nagħtu gieħ lil Ommna Marija. Din se tkun fil-knisja u tibda dritt wara l-quddiesa ta' fil-għaxija.

Nistieden lil kulħadd biex jieħu sehem.

**IL-ĦADD, 30.5.10: SOLENNITA' TAT-TRINITA QADDISA**

**Nirringrazzja**
Nixtieq nirringrazzja mill-qalb lil dawk il-persuni kollha li b'xi mod jew ieħor għenu fl-organizzazzjoni tal-Ġimgħa għat-Tfal u anke tal-Ġimgħa Liturġika-Ewkaristika li nżammu fil-parroċċa.

**Ritratti / Video tal-Preċett u tal-Griżma**
Dawk li jixtiequ jordnaw kopji tar-ritratti, video jew DVD tal-preċett u tal-Griżma jikkuntatjaw lill-fotografi fuq in-numri:
L-Ewwel Tqarbina: ritratti u video/DVD Philip Cassar Tel.: 21565262.
Tal-Griżma: ritratti Xerri Photo Studio, Tel.: 21553654, u l-Video/DVD Philip Cassar Tel.: 21565262.

**Offerti għall-Karita'**
Mill-offerti li għamlu t-tfal għall-Karita' fl-okkażjoni ta' l-Ewwel Tqarbina tagħhom inġabret is-somma ta' €137

**Ġabra għall-Papa**
Il-ġabra li saret għall-Papa biex ikun jista jgħin lill-pajjiżi milquta minn xi diżgrazzja kienet is-somma ta' €329.

**High Tea**
Se jiġi organiżżat High Tea b'risq il-parroċċa, nhar it-Tnejn, 31 ta' Mejju 2010, fis-7.30p.m.

**Laqgħa għall-Anzjani.**
Id-Dami tas-Seminarju flimkien mad-Diriġenti tal-Azzjoni Kattolika Nisa se jorganizzaw laqgħa għall-Anzjani kollha ta' Għawdex nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Mejju fis-Sala tas-Seminarju. Il-laqgħa tibda fil-5.00p.m. b'quddiesa mill-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi.

**Sehem fix-Xandir bir-Radju Margerita.**
Dawk li jixtiequ jieħdu sehem fix-xandir bir-radju tal-Komunita tagħna : "Radju Margerita" huma mitluba biex javżawna fl-Uffiċċju Parrokkjali, mhux iktar tard mill-Ħadd 6 ta' Ġunju. ħalli nkunu nistgħu nħejju l-programmi għall-iskeda tax-xahar ta' Lulju.